**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 288/2015**

Il-Pulizija

(Spettur Nezren Grixti)

vs

**Jerken Decelis**

iben Harold, imwieled Pieta', fit-12 ta' Dicembru, 1983, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 12884(M)

Illum it-8 ta' Jannar, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jerkin Decelis quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fit-13 ta' Novembru 2004 u erba' xhur qabel, gewwa Hal Tarxien u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti:

> Kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstasy), meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-Regolamenti 3(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u it-Tielet Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap.31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), u 120A(2)(b)(i) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, ikkundannatu ghal tlett snin (3) prigunerija, kif ukoll ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' tlett elf Euro (€3,000.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja erogata. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti ordnat lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' hames mija u tmintax-il Euro u tnejn u tmenin centezmu (€518.82)– ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u ghoxrin Lira Maltija u tlieta u sebghin centezmu (Lm222.73) - li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga ezebita taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant Jerkin Decelis minnu pprezentat fl-4 ta' Gunju, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi tikkonferma l-htija, izda taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi minkejja li nstabu 54 pillola ta' extasy, inghata sentenza ta' prigunerija ta' tlett snin. L-appellant jqies li huwa wiehed eccessiv peress il-konswetudini tal-Qrati taghna jaghti sentenzi ta' prigunerija ferm anqas. L-appellant jaghmel referenza ghal sentenzi tal-Qorti Kriminali, bhala per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta –v- Jeffrey Zammit deciza fl-10 ta' Marzu 2014, fejn kien hemm involut 1000 pillola u l-akkuza inghata tmien (8) snin habs u multa ta' €23,000. B'hekk jekk wiehed jikkalkula tlett snin prigunerija dan kien jigi konvertit fi 375 pillola. Sentenzi simili tal-Qorti Kriminali huma Repubblika ta' Malta –v- Vincent Cucciardi tat-13 ta' Marzu 2013, fejn kienu involuti 1033 pillola u 48.5 gramma kokaina inghatat sentenza ta' 7 snin u disa xhur prigunerija u multa ta' €20,000; Repubblika ta' Malta –v- Robert Cilia u Pauline Ruth Cilia tat-18 ta' Novembru, 2013 fejn kien hemm 1038 pillola inghata sentenza ta' sitt snin prigunerija u multa ta' €23,000; Repubblika ta' Malta –v- Joseph Camilleri tal-15 ta' Ottubru 2012, fejn kien hemm involut 2137 pillola u 571.62gramma kokaina inghata 12-il sena habs u multa ta' €20,000; Repubblika ta' Malta –v- Rita Bugeja ta' 2 ta' Mejju 2011, fejn kienu involuti 4989 pillola u inghatat sentenza ta' 12-il sena prigunerija u multa ta' €23,500;

Illi l-appellant jigbed l-attenzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti illi dan il-kas sehh 11-il sena ilu f'Novembru 2004, meta l-appellant kien ghaddej minn problemi partikolari f'hajtu. Il-Qrati Kostituzzjonali f'diversi sentenzi ta' Joseph Manuel Galea u Joseph Attard qalet li dan id-dewmien m'huwiex accettabbli. L-appellant li hareg mill-problema tad-droga u ghandu xoghol u b'hekk qed jiffoka hajtu fuq affarijiet ohra, ghandu illum kwazi 11-il sena wara jirrispondi ghal dak li ghamel meta kellu 19-il sena. Illum l-appellant ghandu 30 sena u qed jahdem u qieghed 'l boghod mill-problema ta' droga. F'numru ta' kazijiet dan id-dewmien jittiehed in konsiderazzjoni fil-kalkolu tal-piena. Huwa car li f'dan il-kas ma kienx ittiehed in konsiderazzjoni.

Illi l-appellant jirrileva li mhux is-soltu li meta ikollu fedina penali netta, jinghata sentenza ta' prigunerija mill-ewwel sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-uniku lanjanza ventilata mill-appellant diretta lejn is-sentenza appellata hija marbuta mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti billi fil-fehma tieghu din kienet wahda eccessiva tenut kont tal-ammont zghir ta' pilloli *ecstasy* li nstabu fil-pussess tieghu, kif ukoll tenut kont it-trapass twil taz-zmien minn meta sehh il-kaz fejn illum huwa bniedem riformat b'impjieg fiss u hajja stabbli.

Illi fil-fatt il-kaz imur lura ghal nhar it-13 ta' Novembru 2004 meta l-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga kienu waqqfu l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni NIC105 ġewwa Ħal-Tarxien, li kienet misjuqa minn tfajla u l-appellant riekeb bhala passiggier fl-istess vettura. L-appellant jigi nnutat jaħbi xi ħaġa wara s-sedil tal-istess vettura u wara tfittxija li saret mill-pulizija, rriżulta li kien heba 54 pillola suspettata *Ecstasy*. Dan jigi ikkonfermat matul l-*iter* processwali mill-espert maħtur mill-Qorti. L-appellant mhux qieghed jikkontesta dawn il-fatti probatorji u kif inghad, ma hemmx appell marbut mal-mertu tal-kaz u l-konsegwenzjali sejbien ta' htija abbazi tal-istess fatti.

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma tal-appellant il-piena ta' tlett snin prigunerija u multa ta' €3000 hija waħda eċċessiva u sproporzjonata tenut kont tal-ammont ta' pilloli li instabu fil-pussess tieghu u dan meta wieħed iqabbel l-istess piena ma' pieni ohra erogati mill-qorti ghal ammont ta' pilloli ferm aktar minn dawk misjuba ghand l-appellant. In oltre jisħaqq li d-dewmien eċċessiv tal-każ kellu jittiehed in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti u għaldaqstant ghandu jiġi rifless fil-*quantum* tal-piena. L-appellant jikkontendi illi f'dan it-trapass taż-żmien huwa rnexxielu jegħleb il-vizzju tad-droga u illum il-ġurnata, ħmistax il-sena wara, jinstab f'relazzjoni stabbli b'żewġt itfal.

Illi mill-komputazzjoni magħmula minn din il-Qorti m'hemm l-ebda dubbju li l-piena kif mposta kienet fil-parametri tal-liġi b'dan ghalhekk illi l-piena applikabbli hija dik misjuba fid-disposizzjonijiet tal-artikolu 120(2)(b)(i)[1] tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll is-subinciz (7)[2] tal-istess disposizzjoni li jistipula li l-piena ma tistax taqa' taħt il-minimu u lanqas ma tista' tinghata sentenza sospiza kif imfisser fl-artikoli 21 u 28A rispettivament tal- Kapitolu 9. Lanqas ma isib applikazzjoni ghal dan ir-reat l-Att dwar il-*Probation*, hlief f'dawk ic-cirkostanzi meta l-Qorti tkun tal-fehma li l-persuna misjuba ħatja *kien bi ħsiebu jikkonsma l-mediċina f' dak l-istess post flimkien ma' oħrajn*, kif ukoll[3] wara li tieħu qies *taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation*. Kwindi, indipendentement minn kwalunkwe progress personali li seta' għamel l-appellant tul is-snin kif ukoll id-dewmien eċċessiv li hadu dawn il-proċedura, il-piena applikabbli hija biss wahda ta' restrizzjoni tal-liberta' tal-hati.

Illi l-Qorti madanakollu tqies illi ghandha tiehu kont tal-aggravju imqanqal mill-appellant meta tigi biex tiddetermina l-*quantum* tal-piena li ghandha tigi inflitta u allura jekk l-Ewwel Qorti setatx erogat piena eccessiva meta jittiehdu in konsiderazzjoni dawn il-lanjanzi hekk ventilati.

---

[1] mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87);

[2] (7) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew (b)(i):

[3] Emfazi tal-Qorti.

Issa fl-ewwel lok l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti ma haditx kont tat-trapass twil taz-zmien li fih damu ghaddejjin dawn il-proceduri bl-akkuza tirrisali ghal fuq minn erbatax-il sena ilu u cioe' ghas-sena 2004. Illi l-Qorti ezaminat l-atti mill-gid sabiex tqies jekk dan id-dewmien kienx imputabbli lil xi wiehed jew wahda mill-partijiet jew inkella lill-Ewwel Qorti stess. Issa jidher ċar mill-atti proċesswali li dan id-dewmien huwa fil-maggior parti tieghu imputabbli lill-istess appellant. Dan ghaliex jirrizulta mill-atti illi ghalkemm il-proceduri inbdew biss fis-sena 2005 u cioe' madwar sena wara l-arrest tal-appellant, il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha nhar it-28 ta' Ġunju 2007. Minn hemmhekk il-quddiem, il-kawza kienet differita għal provi difiża u baqgħet hekk għal erba' snin sħaħ sakemm il-Maġistrat sedenti f'dak l-istadju ġie elevat għall-kariga ta' Imħallef fis-sena 2011. Sussegwentement l-ewwel u l-uniku xhud tad-difiża instema' fl-20 ta' Jannar 2012 u ċioe hames snin wara li l-Prosekuzzjoni kienet ghalqet il-provi taghha. Eventwalment id-difiza għalqet il-provi tagħha fl-14 ta' Jannar 2013 (folio 44) fejn hemmhekk il-kawza tħalliet għas-sentenza, liema sentenza giet moghtija fis-27 ta' Mejju 2015.

Illi issa fi stadju tal-appell is-smiegh ta'l-istess quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta tkaxkar sat-13 ta' Ġunju 2018, f'liema data l-appell ġie trattat bin-notifika fl-awla tal-appellant għas-sentenza, liema sentenza baqghet ma inghatatx sakemm dan l-appell beda jinstema' minn din il-Qorti kif ippresjeduta fit-23 ta' Jannar 2019. Dan ġie segwiet b'żewġ talbiet għal differiment għal data oħra mid-difiża li ma ġewx opposti mill-prosekuzzjoni. Finalment kien hemm talba oħra għal differiment fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2019 din l-ahhar darba biss tkun minn naha tal-Prosekuzzjoni.

Illi allura espost l-*iter* processwali ta' dan il-kaz, hija l-fehma ta' din il-Qorti li d-dewmien proċedurali huwa fil-maggior parti imputabbli lill-appellant. Dan maghdud madanakollu l-awtorita gudikanti kienet fid-dmir trazzan din l-imgieba tal-appellant

haga li jidher li naqqset milli taghmel, u meta l-kawza thalliet ghas-sentenza din inghatat ‘il fuq minn sentejn wara.

Illi kemm il-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll dik Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem sahhqu diversi drabi li ghalkemm kull kaz ghandu jitqies individwalment, madanakollu meta l-kaz jitwal eccessivament anke jekk dan ikun ukoll imputabbli ghal persuna akkuzata jkun hemm lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli ukoll ghaliex huwa fid-dmir tal-qorti illi tara illi trazzan dan id-dewmien ingustifikat.

> **“Issa dwar dewmien fil-kawza deciza minn din il-Qorti kif presjeduta Rikors Nru. 624/97 FS fl-ismijiet Joseph Attard vs Avukat Generali deciza fit-8 ta’ Gunju, 2000 gie studjat kaz simili hafna u ghalhekk il-Qorti sejra tirriproduci part estensiva minn dik is-sentenza. Hemm intqal:**
>
> **“Il-Kostituzzjoni ta’ Malta [Art 39] kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [Art 6] jiggarantixxu lil kull persuna akkuzata b’reat kriminali smieh xieraq fi zmien ragonevoli. Dan hu minhabba:**
> **§ Id-dewmien ipoggi fil-periklu l-effettivita u l-kredibilta’ tal-gustizzja [Ara H. vs France, Qorti, 24 ta’ Ottubru 1989];**
> **§ Hemm bzonn li jigi assigurat lill-akkuzat l-opportunita’ ta’ difiza xierqa w effettiva [Ara Stephanos Stavros – The guarantees for Accused Persons under Article 6 of the European Convention on Human Rights – pagni 77 et: “*The right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the initiation of criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence*”.**
> **§ Id-dewmien ihalli lill-akkuzat ghal zmien twil fi stat ta’ incertezza fuq il-verdett tal-innocenza jew ir-reita’ tieghu u naturalment id-destin tieghu;**
> **§ Proceduri Kriminali fit-tul ghandu effett negattiv fuq ir-reputazzjoni tal-akkuzat.**
>
> **….. Il-gurisprudenza stabbilit tlitt kriterji principali indikattivi tar-ragonevolezza ta’ dan it-tul taz-zmien:**
> **§ Il-komplessita’ tal-kaz;**

**§ Il-mod kif il-proceduri kriminali gew kondotti mill-Qorti; hawn wiehed irid iqis il-kwantita' enormi ta' xoghol li jinsabu mghaffsa bih il-Qrati taghna, u l-fatt li ghandha tinghata precedenza lil min qieghed taht arrest preventiv; izda il-piz enormi tax-xoghol fuq il-Qorti, u l-fatt li l-Qorti ppruvat taghmel dak li hu umanament possibli ma jwassalx ghal gustifikazzjoni ta' dewmien irragonevoli li kull akkuzat ma ghandux ibaghti;**
**§ Il-kondotta tal-applikant – hawn irid jinghad li ghalkemm b'rizultat ta' eccezzjonijiet u mossi tattici akkuzat jista' facilment itawwal il-kors tal-proceduri dawn ma ghandhomx jaffetwaw ir-ragonevolezza tad-dewmien sakemm ma jkunux kapriccuzi jew frivoli, u naturalment fl-istess kriterju ta' dewmien ragjonevoli in-natura ta' dawn l-eccezzjonijiet iridu jittiehdu in konsiderazzjoni.[4]"**

**"Huwa wkoll rilevanti L-agir tar-rikorrent fil-proceduri kriminali kontra tieghu, u b'mod aktar specifiku, jekk hu baqax passiv ghad-dilungar fil-proceduri, jew jekk kienx addirittura r-raguni principali ghad-dewmien jew ikkontribbwixxa ghall-istess. Ghandha wkoll tigi ezaminata ttmexxija tal-proceduri da parti tal-awtorita`gudikanti, u cioe` l-isforzi taghha sabiex fic-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti tmexxi l-proceduri bid-diligenza mehtiega bil-ghan li twassalhom ghall-konkluzjoni minghar dewmien indebitu. F'dan ir-rigward gie ritenut ukoll li "..article 6[1] imposes on the Contracting States the duty to organize their judicial systems in such a way that their courts can meet each of its requirements, including the obligation to hear cases within a reasonable time"[5]**

Illi allura ghalkemm huwa minnu illi l-appellant ikkontribwixxa bil-kbir ghad-dewmien fil-proceduri, madanakollu kien fid-dmir tal-qorti li tara li trazzan l-imgieba tal-appellant biex b'hekk ma jinholoq l-ebda pregudizzja la ghalih u lanqas ghas-socjeta' in generali li tippretendi retribuzzjoni minn kull min ikun azzarda ixellef dufrejgh mal-gustizzja. Ma jidhirx illi l-proceduri kienu kumplessi u laborjuzi tali li jiggustifikaw trapass konsiderevoli ta' zmien. Dan ifisser illi l-Ewwel Qorti meta giet biex tikkalibra il-piena kellha tiehu dan il-fattur in konsiderazzjoni flimkien ma' fatturi ohra, kif ser jinghad.

---

[4] Prim'Awla sede Kostituzzjonali – Nicolas Farrugia vs Avukat Generali deciz 27/03/2003

[5] App.Kost - Omar Osman Omar u Anwar Otman Hasan vs Avukat Generali deciza 06/02/2015

Ikkunsidrat:

Illi fil-fatt l-appellant iqanqal ilment iehor marbut mal-*quantum* tal-piena imposta fuqu billi jidhirlu illi dan kien wieħed eċċessiv kemm minħabba n-natura taċ-ċirkostanzi tal-każ kif ukoll ghaliex llum il-ġurnata huwa mexa 'l quddiem f'hajjtu u jidher li stabbilixxa ruħu fil-ħajja 'l-bogħod mill-vizzju tad-droga. Illi kif inghad l-Qorti f'dan il-kaz ma tistax hlief timponi piena karcerarja. L-appellant jiccita diversi decizjonijiet moghtija mill-qrati matul is-snin, fejn il-piena erogata meta imqabbla mal-ammont ta' pilloli ittraffikati kienet wahda ferm inqas minn dik inflitta fuqu.

Illi ghalkemm din il-Qorti dejjem harbet milli tvarja il-piena erogata mill-Ewwel Qorti abbazi ta' paraguni ma' decizjonijiet moghtija minn qrati ohra fuq kazijiet li m'ghandhom xejn x'jaqsmu mal-kaz taht il-lenti taghha, madanakollu dejjem qieset jekk il-*quantum* tal-piena erogata kenitx wahda eccessiva meta imqabbla mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Huwa minnu kif stqarret l-Ewwel Qorti illi l-ammont ta' pilloli misjuba fil-pussess tal-appellant ma kienx xi wiehed negligibbli, izda lanqas kien wiehed li jimmerita li l-Ewwel Qorti tapplika piena li tbieghdet b'mod sostanzjali mill-minimu preskritt fil-ligi ta' sitt xhur prigunerija ghaliex dehrilha illi l-appellant kien gie misjub hati wara l-kummissjoni tar-reat lilu addebitat f'dan il-kaz, b'akkuzi simili. Il-fatt jibqa' illi lura fis-sena 2004, l-fedina penali tal-appellant kienet wahda netta u allura huwa kellu jigi meqjuz mill-Ewwel Qorti bhala *first time offender* meta giet ghal kalibrazzjoni tal-piena.

Il-Qorti trid tqies ukoll illi illum wara trapass ta' kwazi hmistax-il sena mill-kummissjoni tar-reat, l-appellant tbieghed mill-hajja tal-kriminalita' u tal-abbuz tad-droga, ghandu familja u impjieg fiss u allura l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' tlett snin prigunerija fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi kollha hija wahda eccessiva u għandha tiġi ridotta, minghajr ma jitnaqqas xejn mill-gravita' tal-kaz biex b'hekk jinholoq il-bilanċ meħtieġ

bejn ir-retribuzzjoni li ghandu jaghmel l-appellant ghal infrazzjoni tal-ligi minnu kommess w ir-riforma fil-hajja tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata tas-27 ta' Mejju 2015, tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tieghu u fejn hu gie ikkundannat ihallas l-ispejjez peritali ammontanti għal €518.82 fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9, izda tvarja il-piena inflitta b'dan ghalhekk illi tikkundanna lill-appellant Jerkin Decelis għal sena priġunerija u għal hlas ta' multa ta' elf u tmien mitt Euro (€1,800).

Edwina Grima

Imhallef